Nicholas Grech
Male Ward 3A
Sptar Monte Carmeli,
Notabile Road,
Attard.
Data: 18 ta' Settembru 2017.

Kunsill Mediku,

Wara li diga baghat 2 ittri lill-Kunsill Mediku datati 6/7/17 u 9/8/17, qed nibghat din it-tielet ittra fl-ilment tieghi kontra l-Psikjatra David Cassar din id-darba bl-abbuzi u reati kriminali li ghamel migbura f'lista biex ghall-beneficcju taghkom ikolkom stampa erga aktar cara ta' dawn il-krimini tieghu.

1) Fl-ewwel kaz li kelli l-Qorti lura fl-2001, darba rani ghall-ewwel darba fl-18/2/02 u kont semmejtlu li kienet saret xhieda falza fuqi fil-Qorti, perjury, u tbaghbis ta' provi bl-iskop malinn biex itellfuli l-liberta provizorja, ma nformax lill-awtoritajiet kompetenti biex jigu nvestigati dawn l-abbuzi u tohrog il-verita (kont dehert l-ewwel darba l-Qorti fil-15/6/01 u x-xhieda falza / perjury kienet saret fit-tieni seduta tal-5/7/01).
2) Flok kien ta' sostenn ghalija fir-rwol ta' Psikjatra / espert imqabbad mill-Qorti, minflok ra kif heba u ghatta dawn ir-reati kriminali msemmija f'punt 1.
3) Gideb meta minflok dawwarha li qed nimmagina li hemm konfoffa ghaddejja kontrija. Dan meta ma kienx prezenti ghas-seduta tal-5/7/01 u tistghu ticcekjaw x'fil-fatt gara milli tnizzel f'din is-seduta fil-kaz 'Spettur Carmelo Bartolo kontra Nicholas Grech' li dak iz-zmien kien qed jinstema quddiem il-Magistrat Carol Peralta fejn fiha kien issemma li kellhom video bhala prova li juri li rsaqt f'tali post li fih mhux suppost kelli nersaq, semmew li l-video kien ghadu qed jigi nvestigat li minnha 'n fiha diga tqajjimlek suspett, u fis-seduti ta' wara ma rega' qatt issemma aktar minkejja l-gha kollha li kienet saret fuqu li tkompli tqajjem aktar suspetti. Min ghamel il-perjury kien ex-registratur tal-Qorti u hemm gew fil-Qorti kien agevolat bil-kuntatti li kellu.
4) Abbuza mill-medicini b'xejn b'dannu / frodi ghall-Gvern ta' Malta meta ordnali pirmli li kien jaf li ma kellix bzonn, spejjez tal-Gvern.
5) Bl-iskuza li ma ridtx niehu l-pirmli, sejjah seduta l-Qorti fit-12/6/02 biex jaqfilni l-isptar Monte Carmeli. Dan meta kien ilni kwazi sena bil-liberta provizorja, ma ksirt ebda kundizzjoni minnhom, kont nahdem, u ma kont ta' periklu ghal hadd (ghajr ghal dawk li ghamlu l-abbuzi billi nikxifhom). L-iskop indirett kien li jpengini ta' mentali biex ma nkunx kredibli jekk nigi biex nikxef dawn l-abbuzi ta' perjury u tbaghbis tal-provi u l-abbuz tieghu stess biex jghatti dawn ir-reati kriminali u jagevola lil minn ghamilhom. F'salt wiehed gabni li jien hekk mentali li lanqas kelli fejn nehel semplici multa, lanqas li kont mignum minn twelidi, u sadattant kont nahdem qabel l-arrest u bqajt nahdem wara f'xoghol ta' responsabilta bin-nies tahti, u qatt ma hadt gurnata sick leave minkejja li allega li jien marid. Jekk ma kienx qed jagevola lili li ndirettament helisni milli ninstab hati kriminalment, lil min kien qed jagevola? Lili altru m'agevolanix ghax spicca qafilni ghal 37 jum l-isptar abbuzivament sad-19/7/02 u meta nqatghet is-sentenza u sussegwentament l-appell fil-21/11/05 kelli naghmel xahrejn ohra l-isptar sal-21/1/06 u twikkejt bit-timbru ta' mentali. Ukoll, dan kif ghamel din l-enfazi kollha li ghandi bzonn il-pirmli u per konsegwenza zammni maqful ghal zmien konsiderevoli, 37 jum, biex imbaghad kien hallieni fuq 2 pirmli zghar Risperdal ta' 2mg kuljum (4mg b'kollox kuljum) biss? Dan jikkuntrasta aktar meta tqis li wara biss 4 gimghat minn meta hrigt, fis-16/8/02, sahansitra naqqashom ghal 1½ pirmli kuljum (3mg b'kollox kuljum, -25%), bhal donnu ma riedx jigi jidher li qed jiffroda lill-Gvern itini l-pirmli jiswew hafna flus ghalxejn li kien jaf li ma kellix bzonn u b'dubju dwar kemm se nihodhom, u fl-istess hin ma riedx jidher li qghad jaqfilni l-isptar bl-iskuza li ma ridtx niehu

l-pirmli biex imbaghad jispicca ma jtini xejn – l-importanti ghalih kien li l-hsara ghamilha, dik li jittimbrani ta' mentali u jnaqqasli l-kredibilta tieghi aktar minn kull haga ohra (darba ttimbrat mentali hadd ma jaghtik widen, hadd ma jisimghek, ma jibqaghlek dinjita ta' xejn, u kulhadd ihares lejk b'suspett, aktar u aktar meta trid twaqqa' l-kelma ta' psikjatra).

6) Inqeda u ghamel uzu hazin minn facilita tal-Gvern, cioe minn sptar, biex abbuza mill-pozizzjoni tieghu u per konsegwenza nzammejt maqful fih innocentament.
7) Fir-rapport tal-perizja li kienet saret fil-21/6/02 u jidhirli kien anki semmiegha meta xehed f'xi seduta fil-Qorti, kien vvinta li ghandi dopamine nieqsa minn mohhi, kimika jew hi x'inhi li ma tistghax titkejjel xjentifikament (eg. via test tad-demm / awrina, etc) biex ma jkunx jista' jinqabad li qed jigdeb – abbuza minn termini li kienu u ghadhom suggettibli fil-psikjatrija biex pengihom bhala xi haga fattwali f'ghajnejn il-Qorti. Cioe mhux biss gideb imma xehed falz fil-Qorti u turi kemm ghalih il-perjury li ghidtlu li saret fuqi fil-Qorti ma kienet ghalih xejn ta' barra minn hawn ghax hu stess taf ghamel bhala qabel ma ohrajn (ma kellux biex jitkaza) u ma ddejjaq xejn jirrepeti reat simili mieghi.
8) Inqeda mill-pozizzjoni vantaggjuza tieghu ta' espert imqabbad mill-Qorti u l-kredibilta li ggib maghha din il-kariga biex ghamel allegazzjonijiet foloz fuqi (li qed nimmagina konfoffa, li ghandi dopamine nieqsa minn mohhi, pingini ta' mentali, etc.), cioe sfrutta / ha vantagg mill-fatt li l-kelma tieghu ghandha aktar sahha u jghid x'jghid jitwemmen biex immanipula l-kaz kif ried hu, qarraq bil-Qorti, heles milli jittiehdu passi kontra dawk li ghamlu l-abbuzi fil-5/7/01, u ostakola l-kors tal-gustizzja.
9) Fuq it-tieni kaz li kelli l-Qorti fl-2014, fil-perizja li saret fit-2/6/14 naqas li jsemmi l-kontradizzjonijiet u l-anomaliji fl-akkuzi li saruli mill-Pulizija u minflok sfruttahom billi kompla bena fuqhom biex jiggustifika li jien mentali. Ghalkemm fil-perizja jidher li semma li l-annimali kont insibhom mejtin, u allura tikkonferma li kien konxju li fuqi kien sar frame-up fejn il-Pulizija akkuzawni b'affarijiet infondati u kontradittorji li kienu jafu li m'ghamiltx, ma hax passi u daq l-qanpiena lill-Qorti biex jittiehdu passi fuq dan l-abbuz gravissimu, frame-up, cioe ghal darba ohra heba reat kriminali, xekkel milli tohrog il-verita u ssir gustizzja minn min abbuza mill-pozizzjoni tieghu u kien f'kariga li jippreveni reati simili.
10) Minkejja li bhala konsulent tieghi kien jaf li qed fuq doza baxxa ta' pirmla wahda zghira kuljum, qarraq bil-Qorti meta wasal ghall-konkluzjoni li l-agir tieghi kien ghax waqaft niehu l-kura, meta din il-kura / pirmla wahda kuljum tant kienet insinifikanti li ma setghetx ghamlet bidliet fuq sahhti lanqas li kieku.
11) Fil-4/8/14 beda jtini njection Fluanxol (Depixol) li whud mis-side effects taghha huma li tqabbdek depression u ggeghlek taghmel suwicidju, biex tara kemm hu rresponsabli u dan wara li kont ghaddejt minn trawma bhal dik fejn f'salt wiehed tlift kollox, wara dak il-gideb kollu li ntqal fuqi fosthom fil-media (biss biss tat-Times minn 8 seduti l-Qorti rnexxielhom johorgu b'rekord ta' 15-il artiklu, online biss) u l-kliem dispreggjattiv li thalla jinkiteb fuqi bhal titlu ta' cat killer tiela u niezla.
12) Meta fis-9/10/16 infurmajtu li ma kont qatt hadt il-pirmli (u mhux biss fic-cirka 3 snin qabel it-tieni arrest), u li dan il-fatt kien jaqleb kollox ta' taht fuq wara li kien ibbaza l-konkluzjoniiet tal-perizja fuq dan il-punt sagrosant, ma marx quddiem il-Qorti b'din l-evidenza gdida li fuqha kien ibbaza l-konkluzjonijiet tieghu izda ghal darba ohra heba milli tohrog il-verita u rega ostakola l-kors tal-gustizzja. Dan juri li ried biss iqarraq bil-Qorti meta kkonkluda li l-agir tieghi kien ghax waqaft niehu l-kura ghax fil-fatt ma kinitx taghmillu differenza – ried biss akkost ta' kollox isib l-iskuza biex jikkundannani ta' mentali u tajtu l-lixka u waqa' ghaliha.
13) Mhux biss ma nformax lill-Qorti, imma biex isalva wiccu, biex ma jigix jidher li ntenzjonalment ghamel dijanjozi ghal kollox zbaljata tieghi, biex ma jigix jidher li gideb u ilu jigdeb fuqi mill-ewwel kaz mit-2002 u b'kapricc, hallini fuq injection (Risperdal) li gabitni nkapacitat b'side effects gravissimi u taf permanenti fuq sahhti (l-alternattiva injections ohra b'side effects ohra xejn sbieh) meta issa kien jaf aktar minn qatt qabel li m'ghandix bzonn l-ebda kura ghax mhux veru kien li ghax waqaft

niehu l-kura fic-cirka 3 snin qabel l-arrest. Dan juri kemm hu bniedem bla skrupli, bla kuxjenza u bla qalb u sa fejn kapaci jasal sal punt li lest jirrovina sahhet, hajjet u destin ta' bniedem b'kapricc.

14) Ghax irrapurtajtu b'dan lill-Kummissarju ghas-Sahha Mentali (bejn Ottubru-Dicembru '16) qalli li "ddeterjorajt" u b'vendikazzjoni qata' kull kuntatt minn mieghi, meta kieku vera ddeterjorajt wiehed kien jistenna li jibda jigi jzurni ta' spiss u mhux jaghmel ezattament l-oppost. Iddeterjorajt ghalih tfisser li m'hiniex bizzejjed illuppjat mentalment / inkapacitat bl-injections daqs kemm xtaqni.
15) Ghaddini minn tortura mentali wahda wara ghall-ohra, mill-injection Fluanxol (Depixol) li ggibek tixxengel, tqabdek depression u ggeghlek taghmel suwicidju, ghall-injection Risperdal li ma thallikx torqod, li ggibek issofri minn impotenza, ugigh fl-ghadam / gogi ta' saqajja (bidu ta' Parkinson, cans ta' aktar minn 1 kull 10), depression (aktar minn 1 kull 10), apparti li tista' tqabdek id-diabete (cans ta' 1 minn 100).
16) Iffroda lill-Gvern meta ordnali u baqa' jtini injections li kien jaf li ma kellix bzonn, spejjez tal-Gvern.
17) Gideb meta qal li jien schizophrenic meta jekk hawn marda li hi nkompatibli mieghi hi propju din. Kont bniedem inbiegh is-sahha fejn fuq perjodu ta' 15-il sena u nofs kemm domt nahdem qatt ma hadt gurnata sick leave (hlief ghal dawk it-37 jum li qafilni fl-2002), kont ghamilt stunt naqdef mid-dar mill-Mosta sa Delimara ghax-xoghol u lura kwazi kuljum (hawn minn jaqta' qalbu jaghmilha anki bil-karozza), rnexxieli naghmel xejn anqas minn 12 imfietah (altru mhux xi haga facli biex taghmilhom u trid tkun temmen u jkollok kunfidenza fik innifsek), rnexxieli nidhol fil-kennierja tal-Mosta f'nofs ta' lejl (hawn minn jibza jidhol fiha anki filghodu, kennierja differenti minn cimiterju fejn ghadhekk soqfa baxxi u fuq stil antik, kurituri dojoq, kmamar zghar u osswarju li fih qatt ma wasal id-dawl elettriku), biex tara kemm ma stajt qatt inkun schizophrenic li jkun wiehed li jara l-vizjonijiet u jisma' l-ilhna u jibza minnhom, sintomi li jien qatt ma kelli u lanqas ohra. Apparti dan, biex irnexxieli ma niggenninx s'issa f'dawn it-3 snin u nofs li ilni maqful l-isptar wara dawk l-ingustizzji, l-abbuzi, ksur tad-drittijiet tal-bniedem u gideb li ntqal fuqi, biex ma nsemmux it-tortura mentali li qed jghaddini minnha Cassar bis-side effects ta' l-injections, altru ma kontx marid qabel l-arrest meta ma kien jonqosni xejn.

B'xejn anqas minn 17-il abbuz, nispera li tirrejalizzaw aktar minn qatt qabel il-gravita tal-kaz li ghandkom quddiemkom wara li ghaddew fuq xahrejn mill-ewwel ittra li baghat u baqa' ma sar xejn. Qed ninkludi wkoll lista bid-dati rilevanti ta' kif sehhew l-affarijiet b'aktar informazzjoni ghalikom u biex tilhqu tivverifikawha ghall-affari taghkom, u forsi titolbu l-intervent ta' Magistrat biex jivestiga hu wkoll ghax dan mhux semplici tabib li wera nuqqas ta' professjonalita f'xoghlu, imma wkoll tabib/psikjatra li ghamel diversi reati kriminali gravissimi li jgorru piena ta' habs. Issa li gharraftkom bihom ma tistghux tinjorawhom ghax tkunu intom ukoll komplici fihom u tigu li qed tahbu reati kriminali u tostakolaw il-kors tal-gustizzja bhalma ghamel hu. Jghaddi kemm jghaddi zmien, id-dnub ma jorqodx u sa fl-ahhar ticcarrat il-maskra ta' kulhadd bhalma gralu Cassar li fl-ahhar inkixef kemm kien ilu jizvija bil-Qorti ntenzjonalment meta fosthom gabha li "ghax waqaf jiehu l-kura", u li kienet ix-xrara li tatni l-kuragg biex nikxef l-intricci kollha mill-ewwel kaz ta' tant snin ilu, li kien il-bidu ta' l-abbuzi li ilni nsofri fis-skiet, nistenna li xi darba jasal il-mument li tohrog il-verita kollha w iz-zejt jitla' f'wicc l-ilma. Qed ninkludi wkoll leaflet tal-injection Fluanxol (Depixol) bis-side effects li tqabdek fosthom depressjoni u ggeghlek taghmel suwicidju. Nerga naghmel appell biex ma ddumux ma tiehdu azzjoni fuq kaz serju bhal dan, fejn jien il-vittma ghadni qed insofri l-konsegwenzi u hu ghadu ghaddej f'xoghlu qisu qatt ma kien xejn.

______________________

Nicholas Grech
(ID no: [redacted]M, Mob: [redacted],
Email: [redacted]@gmail.com)

| Dati Rilevanti | |
|---|---|
| 13-Jun-01 | Nigi arrestat fl-ewwel kaz li kelli l-Qorti |
| 15-Jun-01 | Nitressaq l-ewwel darba l-Qorti quddiem il-Magistrat Carol Peralta u nohrog bil-Liberta Provizorja. Il-kaz jismu 'Spettur Carmelo Bartolo kontra Nicholas Grech' |
| 5-Jul-01 | Jergghu jtellghuni l-Qorti jakkuzawni li ksirt il-kundizzjonijiet tal-Liberta Provizorja u li ghandhom video li juri li rsaqt lejn post li ma kelliex nersaq lejh. Minn kif jigi deskrit il-kontenut tal-video nirrejalizza li fih vera kont nidher jien imma kien jittratta avveniment li sehh qabel l-arrest u minflok gabuh li sar wara. Mhux biss kienet saret xhieda falza, perjury, bl-iskop malinn biex itelfuli l-Liberta Provizorja imma sar wkoll tbaghbis tal-provi. Peress li ntqal li l-video kien ghadu qed jigi nvestigat, li minnha 'n fiha diga tqajjimlek suspett, il-Magistrat ma tellifnix il-Liberta Provizorja. Il-video ma rega' qatt issemma aktar minkejja l-gha kollu li sar dwaru f'din is-seduta li jkompli jqajjem aktar suspetti. |
| 18-Feb-02 | Nidher ghall-ewwel darba quddiem psikjatra, aktar minn 8 xhur wara l-arrest. Jarani David Cassar (kien mahtur mill-Qorti biex jaghmel rapport fuqi), wara li kien hassar l-ewwel 2 appuntamenti li tani hu stess. Ngharrfu bl-abbuz ta' perjury u tbaghbis tal-provi li kienu saru fuqi fil-5/7/01. |
| 12-Jun-02 | David Cassar joqghod isejjah seduta l-Qorti biex jaqfilni l-isptar Monte Carmeli bl-iskuza li ma ridtx niehu l-pirmli li ordnali. Biex jiggustifika li kelli bzonn il-pirmli dawwarha li qed nimmagina li hemm konfoffa ghaddejja kontrija, cioe xehed falz fil-Qorti, ghamel hu wkoll perjury. Idhlu fis-sitwazzjoni: darba pengini ta' mentali u bit-taboo li kont maqful fi sptar mentali, indirettament naqqasli l-kredibilta jekk nigi biex nikxef dawn l-abbuzi tieghu u dawk li saru fil-5/7/01. Il-kelma tieghu ghandha s-sahha, jghid x'jghid anki jekk jigdeb jitwemmen minghajr ma hadd jistaqsi l-anomaliji f'li jkun qal, jien darba ttimbrat metali ma jaghti kazi u jtini widen hadd u kulhadd ihares lejja b'suspett (tkun pregudikat). Dan kif gie qafilni meta kont qed nirrispetta l-kundizzjonijiet tal-Liberta Provizorja, kont nahdem u ma kont ta' periklu ghal hadd (ghajr ghal dawk li ghamlu l-abbuzi billi nikxifhom)? Kif gie jghid li ghandi bzonn il-pirmli u li jien marid meta kont nahdem f'xoghol ta' responsabilta qabel l-arrest u bqajt nahdem wara, u hadd ma qatt irraporta xejn abnormali fuqi, u qatt ma kont hadt gurnata sick leave f'hajti sa dakinhar minkejja li qal li jien marid? |
| 21-Jun-02 | Kif kont maqful l-isptar, issirli perizja mill-Psikjatri David Cassar, Joseph Pisani u Peter Muscat. Iz-zewg psikjatri l-ohra ma kienu ndipendenti xejn ghax ma kienux prezenti mill-bidunett bhal Cassar (kien diga kelli xi 5 appuntamenti ma Cassar qabel) u htigielhom jikkonsultaw mieghu, u kappell ma jmerix lill-iehor u kulhadd jirrepetu l-istess haga. Cassar allega li ghandi dopamine nieqsa minn mohhi, kimika jew hi x'inhi li ma tistghax tigi mkejla xjentifikament (eg b'xi test tad-demm / awrina) biex ma jkunx jista' jinqabad li qed jigdeb. Gidba ggib lill-ohra: minn li qed nimmagina li hemm konfoffa ghaddejja kontrija, ghad-dopamine nieqsa minn mohhi – kieku vera kif allega, kont nimmagina li hemm konfoffa kontrija minn kulhadd, sahansitra mill-kollegi tax-xoghol, minn shabi, minn tal-familja u ma kull min niltaqa nissuspetta hazin fih u kont nispicca ninghalaq id-dar ma nohrog imkien, lanqas ghax-xoghol, meta altru ma kienx il-kaz. Anomalija ohra hi li sadanittant ma kont inatajt l-ebda pirmli u kien biss fit-22/6/02 li bdieli bil-pirmli wara li kien ilni maqful 10 t'ijiem f'cella f'dik il-famuza Ward 10 u li fihom ma wrejt l-ebda sintomi ta' mard u dejjem gibt ruhi sew minkejja din it-trawma bla mistenni w ir-riskju li jtellifli x-xoghol. |
| 19-Jul-02 | Baqa' jgebbed ghal 37 jum sakemm f'din il-gurnata harigni mill-isptar b'doza zghira ta' 2 pirmli Risperdal tat-2mg kuljum: ghal dak iz-zmien kollu li zamni maqful u ghal dak kollu li allega mard li ghandi, wiehed kien jistenna dozi ferm akbar ta' pirmli filghodu, f'nofsinhar u fl-ghaxija u mhux mizerja ta' 2 pirmli zghar kuljum. Il-perjodu bejn 12/6/02 u 19/7/02 kienu l-unici jiem li qatt hadt sick leave f'hajti mis-17 t'Awissu 1998 meta bdejt nahdem sad-19 ta' Marzu 2014 fit-2 arrest, fuq perjodu ta' 15-il sena u nofs. |

| | |
|---|---|
| 16-Aug-02 | Wara biss 4 gimghat barra, minn mizerja ta' 2 pirmli kuljum naqqashom sahansitra ghal 1½ Risperdal tat-2mg kuljum (-25%), cioe ghalhekk ghad jaghmel seduta ta' malajr il-Qorti, ghalhekk zammni maqful ghal 37 jum, ghalhekk dak l-ghageb kollu li qed nimmagina konfoffa, ghalhekk ghad jisfurzani nohrog bis-sick leave, ghal semplici pirmla zghira u nofs kuljum, tista' ssejhilha l-wonder pill. Snin wara kien naqqasha ghall-Risperdal wahda kuljum tat-2mg. L-importanti ghalih kien li ghamilli l-hsara billi ttimbrani ta' mentali.<br>Dan li gej hu rendikont tal-griefex u dozi kuljum tal-pirmli li ordnali:<br>18/2/02 – ? Anafranil tat-25mg(?)<br>4/3/02 – 4 Anafranil<br>25/3/02 – 4 Anafranil, 3 Stelazine tal-1mg<br>22/4/02 – 2 Anafranil, 2 Stelazine tal-1mg<br>20/5/02 – 3 Anafranil, 3 Stelazine tal-1mg<br>22/6/02 – 2 Stelazine tat-2mg + 2 Artaine (meta kont maqful l-isptar)<br>12/7/02 – 1½ Risperdal tat-2mg + 1 Artaine (meta kont maqful l-isptar)<br>19/7/02 – 2 Risperdal tat-2mg + 1 Artaine (meta kont maqful l-isptar)<br>16/8/02 – 1½ Risperdal tat-2mg + 1 Artaine<br>2006/7? – 1 Risperdal tat-2mg<br>(L-Artaine qedghin biex jikkumbattu s-side effect tal-pirmli l-ohra u jistghu jigu njorati) |
| 13-Oct-03 | Il-kaz ikompli jinstema quddiem il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera wara li Carol Peralta nhatar Magistrat f'xi Qorti Internazzjonali |
| 28-Jun-05 | Tinqata' s-sentenza li mhux hati kriminalment imma li ghandi nintbaghat l-isptar Monte Carmeli. Isir l-appell miz-zewg partijiet li jinstema quddiem l-Imhallef Joe Galea Debono. |
| 21-Nov-05 | Tinqata' s-sentenza ta' l-appell l-istess li mhux hati kriminalment imma ghandi nintbaghat l-isptar Monte Carmeli fejn fil-fatt nintbaghat. |
| 21-Jan-06 | Nohrog mill-isptar wara li xi gimghat qabel kont dehert quddiem Tribunal ghar-Revizjoni ghas-Sahha Mentali u ta' l-parir lill-Ministru tal-Gustizzja biex nohrog. Kont ghamilt b'kollox xahrejn u ma wehiltx lanqas semplici multa, lanqas li kont mignun minn twelidi u sadanittant kont nahdem u bqajt nahdem f'xoghol ta' responsabilta bin-nies tahti (kieku kont mentali kif allega ma kont inkun kapaci ghalxejn, lanqas tajjeb ghal man-nies). Il-mistoqsija tigi wahedha: jekk il-Psikjatra David Cassar ma kienx agevola lili, lil min kien agevola? Minn iggwadanja mill-fatt li gejt pingut ta' mentali? Tul il-perjodu mill-21/11/05 sal-21/1/06 kont hadthom unpaid leave mix-xoghol biex nipprova ma nohloqx suspetti u ma nitlifx ix-xoghol. |
| 19-Mar-14 | It-tieni arrest fuq it-tieni kaz |
| 20-Mar-14 | Nitressaq il-Qorti flok b'akkuzi li hammigt postijiet pubblici b'annimali mejta u li dhalt il-knisja bla permess, minflok dawruhom (frame-up) f'akkuzi infondati u kontradittorji ta' mohqrija u qtil t'annimali biex imbaghad kelli 3 qtates pets id-dar fl-ebda hin ma gew investigati (kieku vera kont nahqar l-annimali kienu l-ewwel haga li jaghmlu johduhom minn taht il-kustodja tieghi u mbaghad ikun jehtiegli naghmel talba lill-Qorti biex forsi niehodhom lura), bi vjolazzjoni ta' l-oqba meta ma missejt l-ebda qabar (sempliciment ghamilt l-imfietah bil-welding u dhalt fil-kennierja niehu qisien u ritratti bi skop ta' ricerka), u b'desacration ta' qabar fl-osswarju meta fl-osswarju m'hemmx oqbra. Jekk mhux frame-up dan fejn akkuzawni b'affarijiet li kienu jafu minn qabel li m'ghamiltx, ma nafx x'jista' jkun, u per konsegwenza u minhabba t-taboo ta' mentali li attribwili Cassar mill-ewwel kaz, intbaghat dirett il-Forensic fl-isptar Monte Carmeli. Il-Pulizija hadu vantagg mit-timbru ta' mentali li attribwili Cassar mill-ewwel kaz biex pattewili b'assassinju tal-karattru, billi pregudikawli l-kaz, u billi ghamluli akkuzi nfondati / frame-up, konxji mill-fatt li b'dan it-timbru jkun difficli ghalija nirribatti l-akkuzi u l-argumenti taghhom ghax hadd ma jaghti kazi u kulhadd jihodni li qed nissuspetta hazin fihom ghax marid, bl-ingliz *be taken with a* |

| | |
|---|---|
| | *pinch of salt*, minkejja l-anomaliji kbar u carissimi li hemm fl-akkuzi. |
| 2-Apr-14<br>9-Apr-14<br>12-Apr-14<br><br>2-Jun-14<br><br>6-Jun-14<br>7-Jun-14 | Minhabba li (a) l-kaz kien gie hekk pregudikat bl-akkuzi nfondati li wassal biex il-media kollha tirreferi ghalija bhala 'cat killer' fost l-ohrajn u (b) l-avukat ma kienx qed jiddefendini u jsemmi l-kontradizzjonijiet ta' l-akkuzi minkejja li qrabati dejjem hallsuh fil-hin, u (c) kont qed nirriskja nehel b'akkuzi gravissimi li m'ghamiltx (frame-up), ma kellix triq ohra hlief li nigdeb fil-perizji (altru li ma gdibtx b'kapricc bhalma jaghmel Cassar) u fosthom nghid li kont taht stress u "ghax waqaft niehu l-pirmli". Il-Qorti tahtar lill-Psikjatra George Debono biex jaghmel rapport u jarani fit-2, 9 u 12 t'April 14 u jghidli li se jkellem/ jikkonsulta ma Cassar biex tara kemm ma kien indipendenti xejn. Nghidlu bil-kontradizzjonijiet fl-akkuzi izda meta jixhed fil-Qorti fit-30/4/14 fost l-ohrajn jghid li qed nimmagina li l-Pulizija ghamluli frame-up biex tara kemm kien influwenzat minn Cassar u xi jfisser li tkun ittimbrat mentali ma jatik widen hadd. Fit-2/6/14 issirli l-perizja mill-Psikjatri David Cassar, Peter Muscat u Ethel Felice, u fis-6 u 7 ta' Gunju 14 tarani l-kriminologa Roberta Holland u fost l-ohrajn nirrepeti li "ghax waqaft niehu l-kura" u kullhadd jibni u jibbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq dan il-punt inkorrett (minbarra Cassar li kien jaf bl-intricci kollha ta' l-ewwel kaz u li kulma kelli kienet pirmla wahda), x'aktarx minghajr ma ccekjaw li fil-fatt pirmla wahda zghira nsinifikanti kull ma suppost kont niehu kuljum u l-fatt li kont maqful l-isptar fl-2002 propju ghax ma ridtx niehu l-pirmli u li ma kkonvincinix bis-sewwa biex nohodhom ahseb u ara kemm seta' kkonvincini bid-dnewwa. Komplew jibnu fuq it-timbru ta' mentali tal-ewwel kaz (pregudizzju), minghajr ma hadu n'konsiderazzjoni fost l-ohrajn dawk is-7 punti li semmejt fl-ewwel ittra li baghat lill-Kunsill Mediku fis-6/7/17. Filli kont inbiegh is-sahha hekk li qatt ma hadt gurnata sick leave f'hajti (b'eccezzjoni meta qafilni Cassar fl-2002) u qatt ma fallejt gurnata xoghol, filli gabuni schizophrenic bl-iskuza ta' relapse, "ghax waqaf jiehu l-kura" (skoperta kbira kienet din, f'malajr solvew il-kaz u rrapurtaw dan il-fatt il-media kollha) – dak li jigri meta tkun gejt ittimbrat mentali: ittihom il-lixka u ghamjin bla ma jaraw l-istampa kollha (eg dawk is-7 punti li semmejt) jaqghu ghaliha, w arah hiereg l-gherf u t-teoriji w il-konkluzjonijiet zbaljati taghhom, u bla skrupli ta' xejn jikkundannaw destin ta' bniedem ghall-ghomru (kieku kellhom kuxjenza kienu jsemmu l-kontradizzjonijiet li kien hemm fl-akkuzi, jitolbu ghall-kjarifika, u jibdew minn hemm, mhux xejn lanqas taw kazi tant kemm kienu biased li jridu jsibu l-iskuza biex ikomplu jibnu fuq li jien mentali). |
| 26-Jun-14 | Tinqata' s-sentenza li mhiniex hati kriminalment imma li ghandi nibqa' ninzamm l-isptar Monte Carmeli sakemm ikun hemm bzonn. |
| 4-Aug-14 | Flok il-pirmli Cassar beda jtini l-injection Fluanxol (Depixol) ghalkemm xorta spicca kellu jibda jtini pirmli modd iehor minhabba s-side effects li qabbditni, fosthom il-hin kollu nixxengel meta nkun bil-qedgha u bqajt. Side effects ohra taghha kienu li tqabbdek depression u ggeghlek taghmel taghmel suwicidju (jien naf minn x'hiex ghaddejt) biex tara kemm hu rresponsabli u dan wara li kont ghaddejt minn trawma bhal dik fejn f'salt wiehed tlift kollox, wara dak il-gideb kollu li ntqal fuqi fosthom fil-media (biss biss tat-Times minn 8 seduti l-Qorti rnexxielhom johorgu b'rekord ta' 15-il artiklu, online biss) u l-kliem dispregjattiv li thalla jinkiteb fuqi fosthom b'cat killer/qattiel ta' l-annimali tiela u ohra niezla. |
| 6-Oct-14 | Nidher quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tas-Sahha Mentali biex jaghti l-parir lill-Ministru tal-Gustizzja jekk wasalx iz-zmien li nohrog mill-isptar. David Cassar jixhed ghal xi nofs siegha u jaghmel enfazi li "ghax waqaf jiehu l-kura" u li issa hu taht kontrol ghax qieghed bl-injection. Meta ncempel biex nara x'konkluzjonijiet wasal ghalihom it-Tribunal jghiduli "ma nkunx nista' nghidlek" ghax darba ttimbrat mentali ma jhallulek dinjita ta' xejn u wara diversi xhur fl-ghama, sirt naf mill-media minn rapport fuq The Malta Indipendent tal-14/3/15 li t-Tribunal ma kienx approva li nohrog. |

| | |
|---|---|
| 7-Apr-16 | Nerga nidher quddiem it-Tribunal, kompost mill-gdid wara emendi fil-ligi ‘n kwistjoni li kienu saru lejn Ottubru ’14. David Cassar jerga jixhed u jaghmel enfazi li “ghax waqaf jiehu l-kura” u li issa hu taht kontrol ghax qieghed bl-injection. Din id-darba it-Tribunal japprova li nohrog (qalli hekk Cassar ghax meta tlabt lill-Kummissarju ghall-konkluzjonijiet tat-Tribunal, bhas-soltu dinjita ta’ xejn, qalli li hu jaghti l-parir biss lill-Ministru u biex fil-kaz nghid lilu) izda l-Ministru baqa’ jkaxkar saqajh u sallum baqa’ ma ffirmalix biex nohrog. |
| 30-Apr-16 | Cassar jaqlibni fuq l-injection Risperdal flok il-Fluanxol minhabba s-side effects li kienet qabbditni. |
| 22-Sep-17 | Nitlobhom leaflet tar-Risperdal minhabba sintomi modd iehor li bdejt inhoss u nsib li side effects fosthom bhal-impotenza, nuqqas ta’ rqad u ugigh fl-ghadam/f’saqajja kien gej minnha. Mmur insib lil Cassar l-ufficju (normalment ikeccik imma ghidtlu li ridt inkellmu urgenti) u jghidli li jigi jkellimni fi zmien gimgha izda jghaddu l-gimghat u jibqa’ ma jigix (il-leaflet tghidlek li jekk ikollok xi side effects kellem lit-tabib mill-ewwel izda hu jigi jaqa’ u jkun mir-riperkussjonijiet li jikkawza bl-agir tal-kura bla bazi tieghu fuq sahhet il-pazjent). |
| 9-Oct-16 | Nikteb ittra lil Cassar b’din id-data u nhallihielu taht il-bieb ta’ l-ufficju, ngharrfu li mhux vera li kont waqaft niehu l-pirmli f’dawk ic-cirka 3 snin ta’ qabel l-arrest biss meta kont naghmel ir-reati izda fil-fatt qatt ma hadthom lanqas fid-9 snin ta’ qabel. Sadattant jghaddu l-gimghat u jibqa’ ma jigix ikellimni kif weghdni. |
| 20-Oct-16 | Jkunu ghaddew kwazi 4 gimghat u baqa’ ma giex ikellimni imma ghax irrifjutajt li niehu l-injection fil-15/10/17 lanqas ghaddew 5 t’ijiem li f’din id-data ma giex jghidli li bis-sewwa jew bid-dnewwa jkolli nohodha, jnaqqasili ghal 25mg (minn 37.5mg) u jghidli li jghaddi xi zmien taf inaqqashili ghal 12.5mg. Nipprova nurih kaxxi bil-pirmli ghadhom intatti bit-data taghhom 2005 li juri li qatt ma hadt il-pirmli izda jghidli li m’ghandux x’jaqsam li ma kontx qed niehodhom ghax kien hemm diversi psikjatri kollha qalu li jien schizophrenic (kif ghidt dawn ma kienu ndipendenti xejn ghax rawni biss ghal ftit hin u fosthom kollha htigielhom jikkonsultaw mieghu u kappell ma jmerix lill-iehor u kollha jirrepetu l-istess haga, apparti li ma kienux jafu bl-intricci tal-ewwel kaz). Filli dik l-enfasi kollha li “ghax waqaf jiehu l-kura” kif nizzel fil-perizja lill-Qorti u kwotatu l-media kollha, u anki xehed quddiem 2 tribunali, u filli kontradizzjoni bhal dik li ma taghmilx differenza kontx niehodhom jew le biex tara kemm l-importanti ghalih kien li jzommni ttimbrat ta’ mentali akkost ta’ kollox indipendentament mill-fatti, biex isalva wiccu, biex ma jigix jidher li ntenzjonalment ghamel dijanjozi ghal kollox zbaljata tieghi, biex ma jigix jidher li gideb u ilu jigdeb fuqi mill-ewwel kaz mit-2002, cioe b’kapricc lest jikkundanna destin, sahhet u hajjet ta’ bniedem bhala mentali meta jaf li mhiniex. Meta rajt abbuz gravissimu bhal dan, ktibt lill-Kummissarju ghas-sahha mentali John Cachia (li quddiemu kont dehert fit-2 tribunal u quddiemu kien xehed Cassar) nitolbu biex jiehu passi izda jahrab mir-responsabilta jghid li ma jindahalx fil-kura li tinghata u x’aktarx jinforma lil Cassar ghax meta xi xhur wara ninzertah bi sbrixx fil-kuritur tas-sala u nghidlu biex inaqqasli l-injection ghal 12.5mg kif weghdni ghax bqajt bis-side effects, jghidli li mhux se jnaqqasha ghax “iddeterjorajt” – kieku vera kien hekk wiehed kien jistenna li kien jigi jzurni spiss, minflok b’vendikazzjoni qata’ kull kuntatt minn mieghi u dan minkejja li qieghed fi sptar, ahseb u ara kieku qieghed barra (mhux ghax qabel kien jarani spiss, xorta xi vizta darba f’mitt qamar u nitkellmu biss fuq fejn wasal il-kaz, ez. qed quddiem il-Ministru etc., u qatt fuq il-mard li allega li ghandi). |
| 20-Mar-16 | Nikteb lill-Ombudsman fosthom fuq l-abbuzi ta’ Cassar li jirreferiha lill-Kummissarju ghas-Sahha fi hdan l-istess ufficju. Wara diversi xhur jibghatli biex nirreferi l-kaz lill-Kunsill Mediku kif ghamilt fis-6/7/17 |